REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 780/2010

tat-2 ta' Settembru 2010

li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Thüringer Leberwurst (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari t-tieni sentenza tal-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Ġermanja għall-approvazzjoni, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni għall-indikazzjoni ġeografika protetta "Thüringer Leberwurst" irreġistrata permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 [2] kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 2206/2003 [3].

(2) L-iskop tat-talba huwa li tiġi emendata l-ispeċifikazzjoni billi jsir obbligatorju l-użu tal-kisi naturali u billi jiġu estiżi l-forom tal-ippakkjar, partikolarment, sabiex jiġi permess l-użu ta' vażetti tal-plastik, iżda mhux kisi artifiċjali. Dan jirrifletti aħjar ir-realtajiet tas-suq u l-preferenzi tal-konsumatur kif ukoll jagħti opportunità li jiġi sfruttat il-potenzjal eżistenti tas-suq.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emendi konċernati u kkonkludiet li huma ġustifikati. Peress li dawn huma emendi minuri, il-Kummissjoni tista' tapprovahom mingħajr ma tuża l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 6 u 7 ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Thüringer Leberwurst", kif stabbiliti skont l-Anness I, huma approvati.

Artikolu 2

Id-Dokument Uniku aġġornat jidher fl-Anness II.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.
[3] ĠU L 330, 18.12.2003, p. 13.

ANNESS I

L-emendi li ġejjin għall-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Thüringer Leberwurst" huma b'dan approvati:

Fil-punt "4.2. Deskrizzjoni", l-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu għandha tinbidel b'din li ġejja:

"Iz-zalzett għandu jimtela f'kisi naturali, bħall-intestini żgħar tal-majjal, il-borża tal-awrina jew intestini taċ-ċanga, jew biex jiġi ppreservat f'vażetti tal-ħġieġ jew kontenituri oħra, bl-eċċezzjoni ta' kisi artifiċjali."

ANNESS II

DOKUMENT UNIKU

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel

"THÜRINGER LEBERWURST"

Nru KE: DE-PGI-0105-0222-02.02.2009

IĠP (X) DPO ( )

1. **Isem**

"Thüringer Leberwurst"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

Il-Ġermanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li japplika għalih l-isem tal-punt 1*

Dan huwa zalzett tal-fwied tat-tip li jkun magħmul id-dar, b'togħma pikkanti u li jinbiegħ frisk jew ippreservat. L-ingredjent ewlieni tiegħu huwa l-fwied frisk. It-tessut tax-xaħam jikkonsisti f'bejken jew żaqq mingħajr ġilda. Iz-zalzett għandu jimtela f'kisi naturali, bħall-intestini żgħar tal-majjal, il-borża tal-awrina jew intestini taċ-ċanga, jew biex jiġi ppreservat f'vażetti tal-ħġieġ jew kontenituri oħra, bl-eċċezzjoni ta' kisi artifiċjali.

Il-kompożizzjoni:

laħam tal-majjal, fwied tal-majjal, melħ tan-nitritu għall-pikles, basal imsajjar f'stuffat, taħlita ta' ħwawar (partikolarment, bżar immaċinat u merdqux ta' Thuringia), affumikatura.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti proċessati biss)*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika identifikata*

Il-proċess kollu tal-produzzjoni jseħħ fiż-żona ġeografika speċifikata.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.*

—

3.7. *Regoli speċifiċi għat-tikkettar*

—

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika**

Thuringia

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

'Thüringer Leberwurst' għandu tradizzjoni fi Thuringia li tmur sekli lura. Hija probabilment antika daqs l-kummerċ tal-laħam innifsu fi Thuringia. Anke llum, iz-zalzett għadu jsir fil-"festi tat-tbiċċir" li huma popolari ħafna fir-reġjun u fejn iz-zalzett jittiekel frisk minn borma mimlija biz-zalzett. Huwa parti minn varjetà offruta kważi minn kull produttur tal-laħam u z-zalzett fi Thuringia. L-oriġini tal-isem inzamm peress li fl-eks RDĠ kien jintuża biss bħala indikazzjoni ġenwina tal-oriġini ġeografika.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Iz-zalzett ta' Thurngia, li jinkludi t-"Thüringer Leberwurst", minn dejjem kellu reputazzjoni tajba fil-Ġermanja u lilhinn għal aktar minn 200 sena. "Thüringer Leberwurst" huwa fost l-iktar zalzett popolari fi Thurningia.

5.3. *Rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP).*

Ir-reputazzjoni tat-"Thüringer Leberwurst" hija bbażata fuq l-ħiliet u l-esperjenza tal-biċċiera ta' Thuringia u r-riċetti li għaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

It-taqsima 7a-bb tal-volum 20 tal-"Markenblatt" tas-16 ta' Mejju 2008, p. 33363

http://register.dpma.de/DPMAregister/geo/detail.pdfdownload/148